MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru. 474/2010

**Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Richard Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Richard Vella ta' 37 sena, bin George u Dolores nee' Difesa, imwieled Pieta' Malta, nhar il-15/04/1973 u residenti 'Dar Darturi', Numru 9, Triq il-Mosta, Attard u detentur tal-karta tal-identita' numru 0200773(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-28 ta' Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 09.30 P.M., gewwa fic-Centru Laburista gewwa H'Attard fi Triq Tumas Dingli u f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Bonnici li ghandu numru tal-identita' 0578448(M) kif iccertifika Dr. Glen Micallef M.D. – Reg No. 3230 tal-Isptar Mater Dei.

2. Wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Onor., Mag., Dr. Edwina Grima LL.D.) tas-26 ta' Jannar, 2009.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll titratta ma' l-imputat Richard Vella talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 26 ta' Jannar, 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' John Bonnici li ghandu numru tal-identita' 0578448(M), bil-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Marzu 2012 (inserita a fol. 160 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

a. fl-artikoli 214, 218(1)(a) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b. fl-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li jirrigwardaw dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin, fit-28 t'Ottubru 2009 il-Pulizija rceviet rapport[1] rigwardanti argument li nqala' gewwa l-kazin Laburista ta' H'Attard. Patrick Sammut li jahdem bhala barman f'dan il-kazin irraporta li kien inqala' argument bejn John Bonnici, il-parti civili u Richard Vella li huwa l-imputat f'din il-kawza. John Bonnici kien qed isofri minn griehi gravi[2] f'idu x-xellugija filwaqt li Richard Vella sofra feriti hfief hekk kif gie certifikat minn Dr. L. Gatt[3] (ara certifikat mediku KF3 a fol 23). Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv f'dan il-kaz, l-ispettur Kevin Farrugia, jirrizulta li z-zewg nahat taw verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti. Jekk wiehed jara l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Richard Vella fil-prezenza ta' PC 97 Silvio Bonello[4] jara li huwa ta verzjoni ghal kollox diffrenti minn dik li ta John Bonnici lill-Pulizija.

Il-parti civili John Bonnici li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2010 qal li fil-gurnata u hin in dizamina huwa kien qieghed fil-kazin Laburista ta' H'Attard fejn mar jiehu drink u waqt li kien qieghed jixrob u kellu t-tazza f'idu l-imputat qallu sabiex ma joqghodx ixejjer it-tazza quddiemu. Bonnici kompla jghid li wara li xorob telaq 'il barra mill-kazin u wara xi saghtejn rega' dahal lura fil-kazin u rega' beda' jixrob u f'hin minnhom

---

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Kevin Farrugia li xehed fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2010.

[2] Certifikat li juri l-ferita li kellu f'idu qieghda a fol 22 mahrug minn Dr. Glenn Micallef fejn qal fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2011 fejn kien ezamina lil John Bonnici u ra li kellu ksur fis-sebgha tac-curkett u gew meqjusa bhala gravi per durata izda ma kienx rah wara aktar. Waqt li certifikat mediku mahrug f'isem John Bonnici li jinsab a fol 21 u mmarkat bhala dok KF1 mahrug minn Dr. Raymond Grixti fejn qal fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2011 fejn ra li kellu selha fil-minkeb tax-xellug, grif u slieh fiz-zewg irkupptejn fost ohrajn u nefha u ugiegh fis-suba tac-curkett tal-id tax-xellug. Huwa qal ukoll li meta bniedem jaqa' mal-art jista' jinstelah.

[3] Huwa xehed fil-11 ta' Marzu 2011 fejn qal li kien ezamina lil Richard Vella fejn sablu feriti hfief fosthom gundalla fuq rasu fuq in-naha ta' wara, qarsa fuq dirghu l-leminija u igiegh fil-minkeb.

[4] PC 97 Silvio Bonello xehed a fol 27 fejn ikkonferma li kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat u gie prezentat rapport maghmul minn PS 160 Mario Mifsud (dok SB1 a fol 29).

mar fuqu Richard Vella u qallu sabiex ma joqghodx jghid affarijiet kontra Simone Buhagiar. Bonnici jghid lli huwa nnega li kien qal xi haga kontra Buhagiar u f'dan l-istadju Richard Vella qabad il-mobile phone u cempel lil Simone Buhagiar u mbaghad l-imputat ghaddielu l-mobile u beda' jitkellem ma' Simone Buhagiar. Kien dak il-hin li l-imputat imbutta lil John Bonnici mal-art fejn dan tal-ahhar ikompli jghid li sofra ksur f'idu x-xellugija. Il-parti civili qal li huwa qam minn mal-art u kif kien sejjer ghall-barra, l-imputat gie fuqu fejn qallu li kellu jghidlu jghidu dak il-hin. Min-naha tieghu John Bonnici jsostni li qallu li kien imissu jisthi li sawwat persuna anzjana. Dak il-hin kompliet tinqala' l-kwistjoni fejn John Bonnici jghid li prova jiddefendi lilu nnifsu. Huwa jispjega li baqa' migugh u meta mar gewwa c-Centru tas-Sahha baghtuh Mater dei fejn kellu jiehu xi X Rays minhabba li kellu ksur fl-id ix-xellugija. Bonnici spjega li huwa gie operat diversi drabi minhabba l-ksur li kellu fejn imbaghad gie nfurmat li ghandu disabilita' ta' 5% hekk kif certifikat minn Mr. Jason Zammit. Gew esebiti wkoll ritratti tal-ferita li kellu Bonnici (ara Dok JB2 sa JB8 a fol 38). John Bonnici zied jghid li kien ilu bil-gibs ghall-aktar minn erba' gimghat. Meta rega' xehed fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2011 John Bonnici kkonferma li rega' gie operat ghat-tielet darba u gew prezentati ritratti dok CP1 sa dok CP4.(a fol 117).

Fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2011, xehed il-kirurgu ortopediku Mr. Jason Zammit li qal li John Bonnici gie riferut ghandu minhabba li huwa specjalizziat fil-ksur tal-idejn. Ix-xhud spjega li John Bonnici kien involut fi glieda u sofra ferita f'subghajh tac-curkett u spjega li sarlu ntervent fl-emergenza sabiex ifieq il-ksur izda wara erba' gimghat dan ma fieqx u ghalhekk sarulu zewg interventi ohra f'subghajh u kien hemm pjanat intervent iehor. Mr. Zammit ccertifika li John Bonnici kien qieghed isofri minn dizabilita' permanenti li kwantifika fir-rata ta' 5%. Huwa qal li l-griehi riskontrati f'Bonnici gew certifikati bhala gravi minhabba li kien hemm il-ksur u zied jghid li l-ksur li kellu Bonnici f'subghajh huwa kompatibbli ma' waqa'. Il-kirurgu spjega li l-gisem jista' jirrejagixxi dak il-hin meta jkun hemm ksur izda jista' jkun hemm cirkostanzi fejn l-ugiegh

jinhass ferm wara. Gie esebit rapport imhejji minn dan ix-xhud (Dok JZ1 u JZ2 a fol 82 u 83).

Fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2011 xehdet Simone Buhagiar, il-President tal-Kazin Laburista ta H’Attard, fejn din qalet li dakinhar tal-incident in dizamina hija ma kinitx prezenti izda kien cempillha l-barman sabiex jghidilha li kien inqala’ argument u f’xi hin cempillha l-imputat Richard Vella u John Bonnici hataf il-mobile tieghu u beda jghidilha hafna paroli u mbaghad qata’ l-linja u qalilha li kien se jerga’ jkellimha l-ghada filghodu. Ix-xhud ziedet tghid li John Bonnici rega’ mar il-Kazin  f’Dicembru 2009 fejn qalilha li kien ser ikisser kull m’hemm u beda’ jaghti mal-hajt meta suppost kien b’idu miksura. Simone Buhagiar tghid li f’dik l-okkazzjoni hija kienet infurmat lill-Pulizija dwar dan l-incident. Hija kompliet tghid li meta kellimha John Bonnici fuq il-mobile kien jinstema’ li kien fis-sakra.

F’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2011, xehed John Mary Fsadni fejn dan qal li dakinhar tal-incident kien qieghed il-kazin u nqala argument u huwa ra li John Bonnici u l-imputat gew flimkien u prova jferraqhom. X’gara bejniethom ma kienx jaf. Meta xehed Victor Mamo (a fol 104) dan qal li l-imputat ilu mqabbad ma’ Bonnici ghal dawn l-ahhar tlett snin. Huwa zied jghid li kien jokkupa l-kariga ta’ Segretarju tal-kazin tal-Partit Laburista u spjega li dan kien it-tieni kaz fejn inqala dizgwid bejn il-parti civili u l-imputat. Huwa zied jghid li l-imputat kien jaghmel minn kollox sabiex jipprova jnehhi lil Bonnici mill-kumitat. Huwa qal li rigward dak li nqala’ fil-kazin dakinhar tal-incident in dizamina ma jaf xejn.

Fl-udjenza tas-7 ta’ Dicembru 2011 xehed ukoll Patrick Sammut fejn dan qal li huwa l-barman tal-kazin Laburista ta’ H’Attard u li dakinhar tat-28 t’Ottubru 2009  kien qieghed fil-kazin u kien hemm prezenti John Bonnici jixrob. F’xi hin Bonnici telaq mill-kazin izda wara ftit dan cempillu sabiex jghidlu li kien gej jixrob. Minhabba li kien hemm l-imputat u li l-kumitat kien ordna li dawn it-tnejn ma jiltaqawx Sammut jghid li huwa qal lil Bonnici  sabiex jigi l-ghada minflok. Wara xi hin izda John Bonnici dahal lura

fil-kazin u beda' jitkellem u jixrob. F'xi hin beda juri n-numri tas-Super 5 lil Richard Vella ghaliex haseb li kien rebah u Richard Vella beda' jghid lil Bonnici sabiex iressaq it-tazza minn hdejh u f'dak il-mument li Patrick Sammut qalilhom sabiex johorgu 'l barra mill-kazin. Huwa zied jghid li kien qal lil Richard Vella sabiex jaghlaq il-bieb tal-kazin u waqt li kien qieghed wara l-bar ra lil Bonnici u lil Vella hergin lejn il-bieb flimkien. Dak il-hin li huwa kien qieghed jahsel it-tazzi u sema' xi diskors li nqala' bejniethom minhabba l-President tal-kazin u ftit wara sema' hoss u hareg barra u ra lil John Bonnici fl-art u dan beda' jzomm rasu u jghid li 'qeghdin isawtuni' u li misskom tisthu li sawwattu bniedem ta' wiehed u sittin sena. Ix-xhud ikkonferma li sema' hoss kbir u li sab lil Bonnici fl-art (a fol 130) u qal li ma jafx x'wassal sabiex John Bonnici jaqa' mal-art u zied jghid li mbaghad kull ma ra kien lil John Bonnici jerga' jipprova jidhol il-kazin. Meta rega' xehed fl-udjenza tad-19 t'Ottubru 2012 in kontro-ezami Patrick Sammut qal li gewwa l-bar kien hemm persuna ohra li jghidulu 'Jimmy l-Yahoo'. Huwa jiftakar li John Bonnici kien qieghed jixrob u ha erba' drinks u telaq. F'xi hin dan beda' jurih dictaphone u telaq il' barra. Wara xi hin Bonnici cempillu u qallu li kien ma' Victor Mamo. Huwa kien qal lil John Bonnici sabiex ma jersaqx lejn il-kazin dakinhar izda dan xorta wahda gie lura. Sammut zied jghid li kien sema' lil Richard Vella jghid lil Bonnici sabiex meta tigi Simone Buhagiar ma joqghodx jghaddi kummenti u dak il-hin beda' battibekk bejniethom. Sammut spjega li meta hareg barra wara li sema' hoss kbir u ra lil Bonnici mal-art fejn dan beda' jghid li imisshom jisthu li sawtu ragel ta' wiehed u sittin sena ma kien hemm hadd hdejn Bonnici  u hadd ma kien qieghed isawtu (a fol 170). Ix-xhud qal li dak il-hin Richard Vella kien hdejn il-bieb f'distanza 'l boghod[5] minn John Bonnici. Sammut jghid li dak il-hin huwa qal lil Bonnici li hadd ma kien qieghed isawtu u ghenu jqum minn mal-art u sabiex johrog 'il barra. Huma hargu mill-bieb izda Richard Vella kien diga hareg barra u mar in-naha l-ohra tal-gnien. Kif wassal lil John Bonnici hdejn il-karozza dan qabad jghajjar

[5] Ix-xhud indika li d-distanza kienet bejn il-pedana tax-xhieda fl-awla 9 u l-post fejn ikun l-Avukat tad-difiza fl-istess awla (ara fol 170).

u joffendi lil Richard Vella u mar jigri ghal fuq l-imputat u f'hin minnhom rega' waqa' mal-art (a fol 171). Ix-xhud spjega li l-bieb kien nofsu maghluq meta hargu Bonnici u Vella izda minn fejn kien u ma setghax jara minhabba li kien wara kolonna. Huwa zied jghid li meta sema' hoss qawwi u mar ra lil John Bonnici hdejn il-kolonna u lil Richard Vella fejn l-ghatba ta' barra l-bieb.

Fs-seduta tal-24 ta' Frar 2012, xehed PS 160 Mario Mifsud li kien ha r-rapport maghmul minn Patrick Sammut minhabba li kien inqala' xi nkwiet fil-kazin tal-Partit Laburista f'H'Attard. Huwa qal li Patrick Sammut kien qallu li John Bonnici kien fi stat ta' sokor u qal ukoll li n-nies kienu qalulu li Bonnici kien ta' daqqa ta' sieq il-bieb tal-kazin sabiex jidhol u f'xi mument waqa' mal-art.

Fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2013, xehed l-imputat Richard Vella fejn qal li dakinhar tal-incident huwa kien direttur tal-kazin Laburista ta' H'Attard. Huwa qal li gurnata qabel l-incident in dizamina kien hemm glieda bejn John Bonnici u wiehed mill-barmen u ghalhekk huwa nizel sabiex jara x'kien inqala'. Waqt li huwa kien fil-kazin inqala' argument bejn persuna ohra u cioe' Joe Catania u John Bonnici minhabba l-gurnata ta' qabel. Huwa zied jghid li prova jwaqqaf id-diskors ta' bejniethom ghaliex John Bonnici deher li kien fis-sakra. John Bonnici wiegeb li 'lanqas Alla ma kien iwaqqfu' u pogga t-tazza ma wicc l-imputat u ella jghid li qallu sabiex inehhi din it-tazza minn ma wiccu u li kien qieghed jaqla' argumenti ma' diversi nies. Dak il-hin issemmiet Simone Buhagiar fejn John Bonnici talab sabiex ikellimha u Vella cemplilha fejn John Bonnici beda jkellimha u kif qata' sabbat il-mobile fuq il-bank u rega' qal li 'l-anqas Alla ma johorgu minn hemm'. Dak il-hin l-imputat qallu sabiex johrog 'l barra mill-kazin u John Bonnici ma ghamel ebda rezistenza sabiex johrog. L-imputat jghid li waqt li huwa kien qed jaghlaq il-bieb tal-kazin gie John Bonnici bil-girja u dak il-hin ma kienx ghadu nizzel il-firroll u bid-daqqa Bonnici sgassa l-bieb u l-imputat inqabad bejn il-bieb u l-antiporta tal-hgieg. L-imputat spjega li Bonnici hu u diehel bil-girja habat mal-bieb tal-aluminium tax-xellug tal-antiporta u waqa' mal-art. Meta kien qieghed fl-art dan beda jghajjat li qeghdin

isawtuh u kien dak il-hin li l-barman qallu li hadd ma kien qieghed isawtu. Vella spjega li f'dak il-mument il-barman qallu sabiex jitlaq u meta kien barra, John Bonnici beda joffendih u l-imputat jghid li huwa offendih lura u Bonnici hebb ghalih u anki qattghalu l-flok (li gie esebit bhala dok RV1). L-imputat sostna li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-griehi li kellu f'subghajh John Bonnici. L-argument fil-fatt kompla fejn il-gnien minhabba li John Bonnici gie ghalih u l-barman beda' jghid lill-imputat biex ma jaghmel xejn. L-imputat spjega li huwa sofra xi griehi dakinhar u gie esebit certifikat mediku (RV2). L-imputat qal ukoll li mbaghad gie l-kaxxier tal-kazin u huma marru flimkien l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara fejn kellimhom Surgent. L-imputat spjega li l-Pulizija kelmuh dwar dan l-incident seba' xhur wara li gara l-kaz fejn kienet anki ttiehditlu stqarrija. Richard Vella jghid li wara li ttiehdet l-istqarrija huwa ghamel appuntament mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn hemm ghamel stqarrija ohra. Huwa esebixxa diversi ritratti li juru li John Bonnici ma kellux gibs f'idu u dawn ittiehdu lejliet il-kawza fejn imbaghad Bonnici deher il-Qorti bil-gibs.L-imputat sostna li huwa qatt ma ta daqqiet lil John Bonnici. Huwa esebixxa dikjarazzjoni li ghamel mal-Kummissarju tal-Pulizija (a fol 199 Dok RV4) u minuti tal-laqgha tat-3 ta' Novembru 2009 li saret fil-Kazin Laburista ta' H'Attard (Dok RV5 a fol 202).

Ikkunsidrat

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti dwar dak li sehh fil-Kazin Laburista ta H'Attard dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2009, u cioe' min-naha l-wahda dik tal-parti civili John Bonnici u min-naha l-ohra dik moghtija mill-imputat. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma

jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Ikkunsidrat

Fil-kaz odjern John Bonnici qed allega li l-imputat waqqghu mal-art u li huwa ghalhekk sofra l-ksur f'subghajh filwaqt li l-imputat isostni li fil-fatt kien John Bonnici stess li wegga' lilu nnifsu meta dahal jigri ghal fuq il-bieb tal-kazin, habat mal-antiporta tal-aluminium u spicca mal-art. Jirrizulta pruvat li John Bonnici sofra ksur f'subghajh tac-curkett u li dawn il-griehi huma gravi per durata. Il-kirurgu ortopediku Mr. Jason Zammit kkonferma li kellhom isiru diversi nterventi fuq subghajn Bonnici u qal li dawn il-griehi kienu kompatibbli ma' waqa'. Illi ghalhekk dina l-Qorti trid tara jekk fil-fatt din il-waqa' sehhitx minhabba li l-imputat imbotta lil Bonnici jew inkella fil-fatt kienx l-istess John Bonnici li waqa' wahdu kif isostni l-imputat.

Wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda moghtija minn Simone Buhagiar u Patrick Sammut jidrilha li l-verzjonijiet taghhom jikkoroboraw pjenament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u tinsab moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija dik li tirrifletti l-verita'. Il-barman Patrick Sammut fil-fatt spjega li John Bonnici. Dakinhar tal-incident de quo kien qieghed jixrob hemm u kien jidher fi stat ta' sokor. Mill-provi rrizulta wkoll li John Bonnici kellu diversi argumenti fil-granet ta' qabel kemm ma' barman iehor kif ukoll mal-President tal-Kazin Simone Buhagiar. John Bonnici jghid fix-xhieda tieghu li meta kelmu Richard Vella u qallu sabiex ma jghidx certu affarijiet kontra s-sinjura Buhagiar, u sfidah sabiex ikellimha saret it-telefonata u John Bonnici jghid hekk a fol. 33:

"Fis-siegha u l-hin, qalli "jekk m'intix coward kellimha". Ghidtlu jien m'ghandhiex ghalfejn inkellimha". Fis-siegha u l-hin qabad u hareg il-mobile tieghu, cemplilha u qallha "hawn Johnny ha jkelmek" u ta l-mobile tieghu lili. U bdejt inkellimha jiena u bl-edukazzjoni kollha ghidtilha Simone lili tafni bizzejjed ghal dawn l-ahhar sitta u ghoxrin sena". Ghidtilha jekk trid xi haga taf fejn ghandek issibni u mhux noqghodu ndahqu n-nies bina". U fis-siegha u l-hin **dan Richard Vella bhal sajjetta fuqi qabad u tefani mal-art**, bil-konsegwenza jiena li garrabt griehi ta' natura gravi..."

Simone Buhagiar izda fix-xhieda taghha a fol. 91 qalet hekk:

U dak iz-zmien is-sur John Bonnici hataf il-mobile ta' Richard Vella u beda jkellimni u ghax nirrangaw l-affarijiet ta' bejnietna u ghax hafna paroli u ghax nigi ghandek fil-ghodu u nkellmek. U ghidtlu ahna m'ghandniex x'nirrangaw ghax jiena qatt ma kelli xi nghid mieghek. U l-konversazzjoni spiccat hemm. **Qata u qalli li ser jigi jkellimni l-ghada fil-ghodu** li dan qatt ma sar u l-konversazzjoni waqfet hemm.

Jidher ghalhekk li tezisti divergenza kbira bejn dak li qal Bonnici u dak li qalet Buhagiar dwar il-mod kif waqfet il-konversazzjoni ta' bejniethom fuq it-telephone. Kieku l-

affarijiet graw kif qed jghid Bonnici ma kienx ikun il-kaz li Simone Buhagiar tghid li huwa qata' u qalilha li kien ser jerga' jkellimha l-ghada. Illi kieku l-imputat gera ghal fuqu bhal sajjetta waqt li kien qieghed fuq it-telephone ma Buhagiar kif isostni li sar Bonnici huwa ma kienx ikollu cans jaqta' ahseb u ara kemm jilhaq jiftiehem ma' Simone Buhagiar li ser ikellimha l-ghada. Anki mix-xhieda ta' Patrick Sammut jirrizulta li huwa sema' lill-imputat jghid lil Bonnici sabiex ma joqghodx jghid certu affarijiet fil-konfront ta' Simone Buhagiar. Sammut spjega wkoll li kien fil-fatt l-imputat li stieden lil John Bonnici biex johorgu 'l barra u li huwa talbu jaghlaq il-bieb tal-kazin. Dan kollu jikkorobora dak li qal l-imputat u cioe' li l-konversazzjoni ta' fuq il-mobile mas-sinjura Buhagiar kienet diga sehhet u ghalhekk l-argument li semma' John Bonnici ma setghax sehh waqt l-istess konversazzjoni. Patrick Sammut inoltre qal li waqt li huwa kien qieghed jahsel it-tazzi sema' hoss qawwi u ra lil John Bonnici mal-art jghajjat li qieghdin isawtuh meta fil-fatt ma kien hemm hadd hdejh u li kien hu li ghenu johrog mill-kazin meta l-imputat kien diga qieghed barra fejn imbaghad Bonnici kompla jinsulta u joffendi lil Richard Vella tant li anki mar ghalih. Il-Qorti setghat ukoll tikkonstata li s-Surgent li ha r-rapport, l-ex PS 160 Mario Mifsud, ikkonferma li dak il-hin in-nies qalulu li hadd ma kien mess lil John Bonnici. Ghandu jinghad li fil-laqgha li saret fit-3 ta' Novembru 2009 (ara dok RV5 a fol 202) jinghad li ftit granet wara li gara l-incident fil-kazin, Patrick Sammut gie mitkellem mill-kumitat u qal b'mod car li Richard Vella fl-ebda hin ma mess lil Bonnici.

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------